MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# IT-TMIN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 22

18 ta' Jannar 2021

Il-Kunsilli Lokali H'Attard iltaqa' online b'xi membri fis-Sala tal-Kunsill li jinsab fl-indirizz 13/15, Triq Sant'Anna, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

STEFAN CORDINA – Sindku
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku
Remigio Bartolo – Kunsillier
John P.Bonnici – Kunsillier
Silvio Brincat – Kunsillier
Helen Caruana – Kunsillier
Victor Galea – Kunsillier
Maria Concetta Scerri - Kunsillier
Giorgio Schembri – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marica Mifsud – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ippresjeda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-5.38pm. Kulħadd kien preżenti bl-eċċezjoni tas-Sur John Bonnici u l-Perit Giorgio Mario Schembri li kienu għadhom ma daħlux *online*.

## 22.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

22.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma kinitx infurmata li xi ħadd mhux ha jattendi.

## 22.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

22.2.1 Il-minuti ġew approvati.

## 22.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku nforma lill-Kunsill rigward:

22.3.1 *Proposal Wara l-Ambaxxata Amerikana*

Is-Sur Cordina qal li xi residenti ressqu proposta infrastrutturali rigward il-blokka li ġejja fi Triq Dun Gwann Theuma ma' Triq Dun Mikiel Xerri.

Il-Perit Giorgio Schembri daħal *online* f'dan il-mument 5.40pm.

Kompla billi qal li peress il-Kunsill kien għadu qed jistenna risposta xtaq jinforma li kif ikollu risposta ħa jiltaqgħu ma' rappreżentant.

22.3.2 *Kawża barriera ta' Venven*

Is-Sur Cordina qal l-Kunsill kien fetaħ kawża lill-barriera ta' Venven xi snin ilu fuq numru ta' illegalitajiet. Hu qal li l-ġimgħa l-oħra kellu laqgħa mas-sid il-ġdid mill-kumpanija Bilom li xtara parti mill-barriera ta' Venven li ġiet tissemma Bilven. Hu qallu li ovvjament ma jridx inkwiet u li kellu kollox konformi u talab sabiex titwaqqa' l-kawża in bona fide. Iltaqgħu l-Avukati via Teams, kemm tal-Kunsill u kif ukoll tagħhom flimkien mas-Sur Cordina u l-Avukat tal-Kunsill bgħat komunikat li hu rċieva mingħand l-Avukat ta' Bilven li nqara waqt il-laqgħa u jinsab anness.

L-Avukat Caruana saqsiet jekk il-ħsarat kienux dawk li qed jaħsbu li qed nirreferu għalijhom jew kienu ġew elenkati mill-Kunsill? Is-Sur Cordina qal li dawn kienu l-punti fuq x'hiex infetħet il-kawża. L-Avukata qalet li hi taqbel ma' dak li qal l-Avukat Bondin imma li hemm teknikalitajiet li l-Perit Falzon irid jivverifika.

Saret telefonata diretta mal-Avukat Matthew Bondin. Hu qal li ġie avviċinat mill-Avukata ta' Michael tal-Bilom li kien fl-interess ta' din il-kumpanija li l-kawża tingħalaq. Kompla jgħid li l-istrutturi li kien hemm illegali jew tneħħew jew issa huma koperti b'permess tal-Awtorità tal-Ippjanar. L-iktar qisu żewġ punti li kien fadal kienu l-għoli tal-i*stockpiles* li kien tela' sulari f'xi

żoni u tħaffir li kien mar iktar miż-żona li kien tah il-Gvern biex iħaffer fiha. Rigward l-i*stockpiles* qal li għandhom xi ftehim jew permess mill-ERA biex jitnaqqsu bil-mod u wieħed irid jara jekk dan hux se jsir jew hux vijabbli u dwar it-tħaffir li sar mill-konfini oriġinali kien niżel xi tliet metri u li biex jiġi kollox kif suppost trid tiġi riprestinata din iż-żona. Kompla jgħid li tenut dan kollu li dak kollu li talab il-Kunsill ġie ndirizzat inkluż il-fatt li jitħallsu l-ispejjeż legali ta' kulħadd, jiġifieri dawk il-kawżi kontra l-Awtorità tal-Artijiet u l-Awtorità tal-Ippjanar (u ara ERA) u qabel li jitħallsu ta' kulħadd wara li jiġi kollox verifikat mill-Perit tagħna għax jekk jitqabbad Perit tal-Qorti miżerjament jgħaddu tliet xhur oħra. Qal li oltre minn hekk il-Qorti ma tagħti xejn iktar, li kollox qed jiġi ndiriżżat u li mportanti wkoll li tinżamm relazzjoni tajba. Nhar l-Erbgħa hemm seduta u wara li jitressqu l-provi kollha l-Avukat Bondin issuġġerixxa li jiġi nfurmat l-Imħallef li jekk jiġi ndiriżżat kollox il-kawża tista' tiġi konkluża fis-seduta ta' wara.

L-Avukat Brincat qal li jaqbel ma' kollox inkluż li l-ispejjeż tal-Perit jitħallsu minn Bilven. Suġġerixxa wkoll li rigward l-i*stockpiles* il-Perit jibqa' bl-aċċess għas-sit.

Il-Perit Giorgio Schembri qal li jaqbel ma dak kollu li qal l-Avukat u li qal l-Avukat Brincat u li jrid jiġi miftiehem żmien għax hemm xogħol mhux ħazin u jekk hemm bżonn jiġi dokumentat kollox permezz ta' ritratti biex ikun hemm *before and after* u anke jsir *survey* ta' kif kien qabel għal-livelli li hemm illum. Bis-*survey* biss tista' tara kemm ikun niżel għax fuq l-għajnejn ġieli ma jidhirx u jiġi verifikat mill-Perit. Qal ukoll li rigward il-blat tal-barriera jekk ħaffer illegalment irid jiġi verifikat. L-Avukat Bondin qal li llum kienet l-ewwel darba li ammettew li ħarġu l-barra miż-żona ta' skavar. Huma qalu lill-Avukat li niżlu xi sular l-isfel u l-Avukat Bondin argumenta li din il-parti trid tintradam u tiġi rijabilitata kif kienet u tingħata lill-pubblika la ħa art pubblika hekk. L-Awtorita' tal-Artijiet qatt m'għamlu xejn iktar fuq din l-illegalità. Il-Perit Schembri saqsa wkoll jekk minħabba li kien hemm bdil fis-sidien jekk din kinitx għadha valida? Huma argumentaw fuq hekk ukoll imma l-Avukat talab kopja tal-arranġament bejniethom u rriżulta li Venven Limited u Sand and Gravel Limited kienu iddikjaraw ma' Bilom li m'hemmx kawżi perdenti u għalhekk iktar u iktar l-Avukat Bondin beda jibża' li jekk jidħol operatur ġdid jista' jerġa' jiġi mitlub li tinstema' l-kawża mill-ġdid.

Is-Sur Bonnici daħal online f'dan il-mument 6.09pm.

Kien ġie maqbul wara *show* li sar fil-Qorti mal-Operaturi preċedenti li Bilven jidħlu fil-kawża u jekk ikun hemm xi ordni tiġi eżegwita minnhom imma l-Imħallef għamilha ċara li l-oħrajn hemm riedu jibqgħu hemm la dan kienu ġabuh b'idhom u li provi ġodda ma kienx ħa jerġa' jisma'.

Is-Sur Victor Galea ikkonferma li fil-verità meta ħadu over Bilven l-affarijiet tranġaw imma li xtaq biss hu li fil-kwistjoni ta' trakkijiet inaddaf it-trabijiet minn fejn joħorġu t-trakkijiet. Is-Sur Cordina qal l-ilmenti tul dawn is-snin naqsu ħafna u fil-verità l-kawża swiet ta' ġid. L-Avukat qal li b'konklużjoni li wara nhar l-Erbgħa jitressqu l-provi kollha l-Kunsill ha jmur għal kif indikat hawn fuq mill-Avukat u miftiehem.

## 22.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

22.4.1 Helen Caruana

- Qalet li nnutat li l-ġbir ta' skart qed isir iktar tard mis-soltu. Is-Sur Cordina qal li wieħed mit-trakkijiet *twin packs* kien bil-ħsara u daqxejn gravi u allura r-ronda meta tkun b'żewġ ġabriet kien qed jagħmilha darbtejn.
- Talbet biex tittella' l-iskeda tal-iskart ta' Jannar. Is-Sinjura Mifsud kellha tiċċekkja.
- Saqsiet fuq il-ġbir tal-iskart mir-Reġjun u kien hemm anka laqgħa mal-Assoċjazzjoni fejn bażikament kulħadd wera l-istess problem, xejn s'issa għadu mhu deċiż imma minn hemm iridu jaraw.

22.4.2 Giorgio Schembri

- Saqsa fuq il-progress tal-proġett Central Link. Qal li suppost kellu jkun hemm Phase 1, 2 u 3, fetħu kull m'hemm u qed jaħdmu kif jidhirlhom huma. M'hemm imkien magħluq u kullimkien temporanju u ġa għaddiet sena u għadu kollox temporanju. Is-Sur Cordina qal li fil-fatt m'hemm l-ebda parti konkluża imma t-trabijiet naqsu għax tlesta l-ewwel wiċċ u naqas l-inkonvenjent. Rigward *timeframes* is-Sur Cordina qal li ovvjament mhux f'pożizzjoni li jirrispondi u fil-każ tintbagħat e-mail lill-Perit Reuben. Il-Perit Schembri saqsa wkoll fuq ir-riħa ta' drenaġġ fi Triq Notabile i.e. Triq Nutar Zarb u tibqa' tiela' sa l-Isptar Monte Carmeli. Is-Sur Cordina qal li din ġejja minn xi spira li xi raħħala kienu ingħataw permess jarmu fihom (taħt ir-Rabat) u naturalment din spiċċat f'dawn it-toroq. Però din qed tinqata' bil-mod il-mod għax qed jinbidlu l-mains tad-drenaġġi kollha u jsiru ġodda għaddejjin mis-Central Link.

## 22.5 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

22.5.1 Talba mingħand is-Sinjura Sammut sabiex isir renewal tat-Telework. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif f'Marzu 2020 is-Sinjura Sammut kellha tarbija u bejn Matenity u leave baqgħet tieħu l-paga sal-aħħar ta' Settembru. Minn Settembru sa bidu ta' Marzu 2021 sa tibqa' bl-unpaid u tidħol lura xogħol f'Marzu 2021. Hi għalhekk fiċ-ċirkurstani preżenti qed titlob sitt xhur telework sa Ottubru fejn tidħol ġurnata jew jumejn imbagħad minn Ottubru hi tassumi r-responsabbiltajiet kollha tagħha mill-Uffiċċju. Is-Sur Cordina propona jumejn fil-ġimgħa. Il-Perit Schembri qal li jekk hemm bżonn b'tarbija vulnerabbli taħdem kollox mid-dar. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-minimum ta' 4 siegħat irid jinħadem imma kompla s-Sur Cordina l-Uffiċċju hu *safe* peress li ħadd ma jidħol, jaqbel li jingħata għax il-mara taħdem u hi bieżla u li minimu tas-siegħat jinqasmu f'darbtejn u għandu jiġi approvat. Is-Sur Bartolo qal li jaqbel imma tista' ssir eċċezzjoni. Is-Sur Cordina qal li allura titħalla *open* taħdem kif trid imma l-minimu irid isir. L-Avukat Caruana saqsiet bħalissa kemm hemm nies jaħdmu bit-telework. Is-Sur Cordina u s-Sinjura Mifsud irrispondew li ħadd. Kulħadd qabel.

## 22.6 Approvazzjoni ta' *Performance Appraisal* 2020

22.6.1 Is-Sur Stefan Cordina qal li ġaladarba l-istaff tal-Kunsill ħadmu kif ħadmu fil-pandemija, bis-Segretarju Ezekuttiv tagħti l-full tagħha u kulħadd ħadem katina, filwaqt li dan kollu hu dritt tagħhom, iktar minn qatt qabel qed jipproponi li jingħataw il-full, s-Segretarju Eżekuttiv 10% u l-istaff 6%, dejjem jekk il-Kunsill jaqbel. Kulħadd qabel.

## 22.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti

22.7.1 Approvati. Proponent: Remigio Bartolo Sekondant: Alex Mangion

## 22.8 Mozzjonijiet; u

22.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 22.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

22.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.47pm u ġiet aġġornata għat-22 ta' Frar 2021 fis-5.30pm.

Konfermati, illum 24 ta' Frar 2021.

IFFIRMATA
Stefan Cordina
Sindku

IFFIRMATA
Marica Mifsud
Segretarju Eżekuttiv